# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**


1 ta' Novembru, 2012

# Minuti tal-laqgha 10(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal laqgha b'urgenza numru 10(06) fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar it-Tnejn 29 ta' Ottubru, 2012 fis-sitta u nofs ta' filghaxija (6:30pm)

## Prezenti

Is-Sindku s-Sur John Boxall, l-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi, il-Kunsillier Anton Gellel, l-Kunsillier Alan Cassar u l-Kunsillier Lawrence Attard

## Talba.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u tah bidu ghal laqgha.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, irringrazzja lil Kunsilliera li attendew din l-laqgha li ssejhet b'urgenza

## 1. Decizjoni dwar it-Tender SSMW 08/12 – Sejha ghal knis ta' toroq u gbir ta' skart domestiku.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu hareg is-sejha ghal offerti ghal knis ta' toroq u gbir ta' skart domestiku fil-lokalita tal-Birgu, liema offerta ghalqet fi 29 t'Ottubru, 2012. Is-Sur Boxall, Sindku qal li ghal din l-offerta gew sottomessi zewg offerti:

i. Minghand is-Sur Saviour Mifsud ghal prezz totali ta' € 79,580, liema offerta kienet maqsuma f'Part A – Knis ta' toroq ghal prezz ta' € 29,500 u Part B – gbir ta' skart domestiku, ghal prezz ta' € 50, 080, ikkalkulata fuq ir-rati hawn taht imnizzla :

- Item 1.1 – Gbir ta' skart domestiku u rimi f'Ghallis - € 170 kull gurnata

- Item 1.2 – Gbir ta' skart doemestiku u rimi f'Sant Antin - € 160 kull gurnata
- Item 1.3 – Tnaddif ta' *bins on wheels* u rimi f'Ghallis - € 2.50 kull gurnata
- Item 1.4 – Tnaddif ta' *bins on wheels* u rimi f'Sant Antin - € 2.25 kull gurnata

ii. Minghand is-Sur Alexander Fenech ghal prezz totali ta' € 83,380, liema offerta kienet maqsuma f'Part A – Knis ta' toroq ghal prezz ta' € 42,300 u Part B – gbir ta' skart domestiku, ghal prezz ta' € 41,080, ikkalkulata fuq ir-rati hawn taht imnizzla :

- Item 1.1 – Gbir ta' skart domestiku u rimi f'Ghallis - € 140 kull gurnata
- Item 1.2 – Gbir ta' skart doemestiku u rimi f'Sant Antin - € 130 kull gurnata
- Item 1.3 – Tnaddif ta' *bins on wheels* u rimi f'Ghallis - € 3 kull gurnata
- Item 1.4 – Tnaddif ta' *bins on wheels* u rimi f'Sant Antin - € 3 kull gurnata

Is-Sindku zied jghid li s-Sur Fenech fil-kwotazzjoni tieghu zied ukoll li lest li joffri s-servizz ta' knis u tindif b'xejn fil-Festi ta' l-Irxoxt, Festa ta' San Lawrenz u Festa ta' San Duminku, kif ukoll fl-attivita tal-BirguFest 2012.

Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill Lokali tal-Birgu talab lil Kunsilli Lokali madwar Malta u Ghawdex jinfurmaw lil Kunsill jekk f'dawn l-ahhar 36 xhar nhargux xi *default notice* fil-konfront ta' l-imsemmija kuntrattur. Is-Sindku qal li mil-Kunsilli Lokali li bghatu kien hemm Kunsill Lokali wiehed li f'dawn l-ahhar 36 xahar hareg *default notice* fil-konfront tas-Sur Saviour Mifsud. Hawnhekk, izda s-Sur John Boxall, Sindku, qal li s-Sur Saviour Mifsud, ma' l-offerta tieghu kellhu annessa rakkomandazzjoni mis-Sindku ta' Hal Tarxien is-Sur Paul Farrugia.

Wara diskussjoni, s-Sindku s-Sur John Boxall, ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu, jaghzel l-irhas offerta, dik tas-Sur Saviour Mifsud. Il-Kunsillier Anton Gellel issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 2. Lista ta' pagamenti.

Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill relatati ma' l-ispejjez ta' l-attivita tal-Birgufest 2012. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sur Trevor Mizzi, Vici Sindku, issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-Laqgha ntemmet fi 7:30 ta' filghaxija

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |